



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0365(COD)

14598/22
ADD 7

MI 805
ENV 1137
ENT 155
CODEC 1709
IA 181

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 360 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2022) 360 final.

Mehmuż: SWD(2022) 360 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.11.2022
SWD(2022) 360 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009

{COM(2022) 586 final} - {SEC(2022) 397 final} - {SWD(2022) 358 final} -
{SWD(2022) 359 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar l-iżvilupp tal-istandards tal-emissjonijiet Euro 7 għall-karozzi, għall-vannijiet, għat-trakkijiet u għax-xarabanks.
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Minkejja l-progress li sar fit-tnaqqis tal-emissjonijiet dannużi bl-introduzzjoni tat-testijiet tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (RDE) fl-2017, l-evalwazzjoni tal-istandards tal-emissjonijiet Euro 6/VI għall-karozzi/vannijiet u għat-trakkijiet/għax-xarabanks rispettivament, identifikat tliet problemi ewlenin li juru li l-istandards eżistenti ma jikkontribwixxux biżżejjed għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' inkwinanti mit-trasport bit-triq fl-UE: (1) L-istandards tal-emissjonijiet tal-vetturi huma kumplessi wisq. (2) Il-limiti attwali tal-emissjonijiet ta' inkwinanti huma obsoleti peress li ħafna inkwinanti dannużi għadhom mhux regolati u minħabba li bit-teknoloġiji attwali huwa possibbli aktar tnaqqis fl-emissjonijiet. (3) L-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali tal-vetturi mhumieks ikkontrollati biżżejjed tul il-ħajja tal-vettura (eż. l-istandard Euro 6 jirrikjedi durabbiltà ta' ħames snin biss, filwaqt li l-età medja tal-karozzi fit-toroq tal-UE hija ta' 10,8 snin). Minkejja l-miri proposti ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' CO ₂ ta' 100 % għall-karozzi u l-vannijiet sal-2035, is-sehem dejjem akbar ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero jew b'emissjonijiet baxxi u ta' vetturi Euro 6d/VI E għad li jidhru fis-suq, ma jistax jintlaħaq livell baxx ta' tniġġis għall-emissjonijiet ta' inkwinanti mit-trasport bit-triq, la għall-inkwinanti tradizzjonali bħall-NOx, il-partikoli tal-egżost jew il-metan u lanqas għal dawk għad għad bħall-partikoli tal-ossidu nitruż jew il-partikoli mhux tal-egżost mill-brejkijiet u t-tajers li se jkunu xorta preżenti, irrappreżentant mill-magna.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
L-oġettiv ġenerali huwa wieħed doppju, jiġifieri li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq uniku billi jiġu stabbiliti regoli aktar adegwati, kosteffettivi u li jibqgħu validi fil-futur għall-emissjonijiet tal-vetturi; u li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa fl-UE billi l-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja mit-trasport bit-triq ikomplu jitnaqqsu lejn tniġġis żero, kif meħtieġ skont il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero, malajr kemm jista' jkun. L-inizjattiva għandha l-għan li tilħaq l-oġettivi speċifiċi li ġejjin: (1) li titnaqqas il-kumplessità tal-istandards tal-emissjonijiet Euro attwali, li jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni effiċjenti; (2) li jiġu pprovduti limiti aġġornati għall-inkwinanti tal-arja rilevanti kollha; u (3) li jittejjeb il-kontroll tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Bl-istandards tal-emissjonijiet Euro 6/VI għall-karozzi/vannijiet u għat-trakkijiet/għax-xarabanks, diġà hemm fis-seħħ leġiżlazzjoni tal-UE kompletament armonizzata. Azzjoni fil-livell nazzjonali jew internazzjonali x'aktarx li ma twassalx għall-aħjar eżiti peress li kemm it-tniġġis tal-arja kif ukoll it-trasport bit-triq huma ta' natura transkonfinali. Mingħajr azzjoni komuni fil-livell tal-UE, l-Istati Membri jistgħu jadottaw għadd kbir ta' regoli b'livelli ta' strettezza differenti. Dan iwassal għal frammentazzjoni tas-suq u jagħmel ħsara lill-funzjonament tas-suq uniku. Għalhekk, l-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata bis-sħiħ biex tiġi indirizzata l-problema ta' emissjonijiet eċċessivi ta' inkwinanti mit-trasport bit-triq.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
L-għażliet ta' politika 1, 2a, 2b u 3a (l-għażla 3b dwar l-ambizzjoni diġitali għolja twarrbet) ġew żviluppati f'konformità mal-oġettivi speċifiċi. L-għażliet kollha għandhom l-għan li jnaqqsu l-kumplessità tal-istandards tal-emissjonijiet Euro attwali billi jintroduċu miżuri ta' simplifikazzjoni. Qed jiġu pprovduti limiti aġġornati għall-inkwinanti tal-arja rilevanti kollha b'ambizzjoni ekoloġika baxxa fl-għażla 1, b'ambizzjoni ekoloġika medja fl-għażliet 2a u 3a u b'ambizzjoni ekoloġika għolja fl-għażla 2b. Il-kontroll tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali, fl-għażla 1 jittejjeb permezz ta' limiti tal-ittestjar f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali b'ambizzjoni baxxa, fl-għażla 2a jittejjeb permezz ta' limiti tal-ittestjar f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali b'ambizzjoni medja u ta' rekwiżiti ta' durabbiltà, fl-għażla 2b jittejjeb permezz ta' limiti tal-ittestjar f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali b'ambizzjoni għolja u ta' rekwiżiti ta' durabbiltà filwaqt li fl-għażla 3a jittejjeb permezz ta' limiti tal-ittestjar f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali b'ambizzjoni medja, ta' rekwiżiti ta' durabbiltà u ta' ambizzjoni diġitali għolja permezz ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet kontinwu. Il-valutazzjoni globali tal-proporzjonalità tal-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza ta' kull waħda mill-għażliet uriet li l-għażla ppreferuta tista' tiġi limitata għall-għażla ta' politika 3a b'ambizzjoni ekoloġika u diġitali medja għall-vetturi ħfief u tqal.

X'inhuma l-fehmiet ta' partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
Il-konsultazzjoni pubblika wriet li b'mod ġenerali l-partijiet ikkonċernati tal-industrija huma aktar probabbli li jappoġġaw ix-xenarju bażi, jiġifieri x-xenarju ta' "ebda bidla fil-politika" jekk wieħed jassumi li l-istandard Euro 6/VI se jkompli japplika; jew l-għażla ta' politika 1 b'ambizzjoni ekoloġika baxxa. B'mod partikolari, huma esprimew tħassib dwar il-potenzjal teknoloġiku għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, speċjalment fl-għażla 2b. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini wrew aktar appoġġ għall-azzjonijiet fl-ambitu tal-għażliet ta' politika 2 u 3 li l-ambizzjoni ekoloġika u diġitali tagħhom tvarja minn medja sa għolja.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma ta' dawk ewlenin)?
L-impatti ġew ivvalutati kontra x-xenarju bażi li tassumi l-kontinwazzjoni tal-passi tal-istandard Euro 6 d/VI E attwalment applikabbli u l-proposta reċenti għal standards riveduti tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għall-karozzi/vannijiet. L-għażla ta' politika ppreferuta 3a toffri, permezz ta' ambizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, impatti pożittivi sostanzjali fuq is-saħħa pubblika u l-ambjent espressi bħala benefiċċji monetizzati għas-saħħa u l-ambjent li jkopru l-inkwinanti kollha sal-2050. L-ixprun ewlieni għal dawn l-impatti pożittivi huwa t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' inkwinanti dannużi tal-arja. Pereżempju, għall-karozzi/vannijiet fl-2035, l-emissjonijiet tal-NOx huma biss 221 kt fl-għażla ta' politika 3a, minflok 389 kt fix-xenarju bażi. Għat-trakkijiet/għax-xarabanks fl-2035, l-emissjonijiet tal-NOx huma biss 313 kt fl-għażla ta' politika 3a, minflok 705 kt fix-xenarju bażi. It-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' inkwinanti huwa stmat li jwassal għal benefiċċji monetarji totali tas-saħħa ta' €56 biljun għall-karozzi/vannijiet u €134 biljun għat-trakkijiet/għax-xarabanks matul il-perjodu 2025-2050. Barra minn hekk, l-għażla ta' politika ppreferuta 3a twassal għal iffrankar totali tal-kostijiet għall-kumpaniji stmat għal €4,7 biljun għall-karozzi/vannijiet u għal €0,6 għat-trakkijiet/għax-xarabanks matul il-perjodu 2025-2050.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma ta' dawk ewlenin)?
Fl-għażla ppreferuta, il-kostijiet regolatorji totali għall-industrija tal-karozzi huma stmati li jiżdiedu. Dan huwa dovut għaż-żieda fil-kostijiet sostantivi tal-konformità fil-forma ta' kostijiet tat-tagħmir għat-teknoloġiji tal-kontroll tal-emissjonijiet u l-kostijiet relatati tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-kalibrazzjoni inklużi l-kostijiet tal-faċilitajiet u tal-għodod. Il-kostijiet regolatorji addizzjonali totali bejn l-2025 u l-2050 huma stmati għal €35 biljun għall-karozzi/vannijiet u għal €18-il biljun għat-trakkijiet/għax-xarabanks. Meta jitqies ukoll l-iffirankar stmat tal-kostijiet, il-kost globali għal kull vettura huwa mistenni li jiżdied bi €304 għall-karozzi/vannijiet u b'€2 681 għat-trakkijiet/għax-xarabanks. Il-kostijiet għal kull vettura mhumex mistennija li jirrappreżentaw aktar minn 2 % sa 3 % tal-prezz medju tal-vettura għal kwalunkwe segment tal-vetturi għall-karozzi/vannijiet u għat-trakkijiet/għax-xarabanks.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?
Għalkemm l-għażla ppreferuta taffettwa l-kostijiet tal-manifatturi li huma prinċipalment kumpaniji kbar, din għandu jkollha wkoll effetti pożittivi fuq il-kompetittività tagħhom. L-użu tal-aqwa teknoloġiji disponibbli għall-kontroll tal-emissjonijiet u ta' sensuri ġodda jappoġġa l-aċċess għas-swieq ewlenin internazzjonali, b'mod partikolari dawk tal-Istati Uniti u taċ-Ċina li għandhom rekwiżiti ta' limiti tal-emissjonijiet aktar stretti. Il-35 manifattur SMEs identifikati – li ġeneralment jimmanifatturaw karozzi abbażi ta' sistemi tal-motopropulsjoni minn manifatturi kbar – mhumex mistennija li jiġu affettwati b'mod sinifikanti, b'mod partikolari peress li l-eżenzjoni minn ċerti testijiet għal manifatturi ta' volumi żgħir se tkompli tapplika.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Peress li l-kostijiet regolatorji addizzjonali jirriżultaw minn żieda fil-hardware u minn aktar riċerka u żvilupp kif ukoll mill-kostijiet tal-kalibrazzjoni relatati, dawn se jitħallsu mill-manifatturi u l-fornituri tal-karozzi. L-atturi tal-industrija huma mistennija jittrasferixxu dawn il-kostijiet fuq il-konsumaturi tagħhom. B'mod ġenerali, mhu mistenni l-ebda impatt sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Permezz tal-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet, aktar informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-emissjonijiet tal-vetturi tista' ssir disponibbli għall-konsumaturi, filwaqt li tiġi ffaċilitata wkoll l-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' konformità u ta' funzjonament ħażin. Dan huwa mistenni li jaffettwa b'mod pożittiv il-fiduċja tal-konsumatur u jgħin biex jimmodernizza l-proċeduri ta' spezzjoni tal-affidabbiltà stradali. L-għażla ppreferuta hija wkoll meqjusa li għandha impatt kemxejn pożittiv fuq is-suq uniku għall-vetturi kollha, fuq il-ħiliet tal-ħaddiema u fuq l-impjegji. Barra minn hekk, permezz tar-regolamentazzjoni tad-durabbiltà tal-batteriji abbord il-vetturi, se tiġi promossa l-aċċettazzjoni ta' vetturi elettriċi bil-batterija.
Proporzjonalità?

L-azzjoni proposta tindirizza l-oġġettiv tal-inizjattiva - ambizzjoni ta' tniġġis żero fl-UE - mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex titnaqqas il-kumplessità tal-istandards tal-emissjonijiet Euro attwali, biex jiġu żgurati limiti aġġornati għall-inkwinanti tal-arja rilevanti kollha u biex jitjieb il-kontroll tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Ġew identifikati diversi indikaturi ta' monitoraġġ għar-rieżami tal-istandards tal-emissjonijiet Euro 7 ippjanati bl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-inizjattivi "lesti għall-mira ta' 55 %".